

Talba ghal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Milano (l-Italja) fl-14 ta' Novembru 2019 – Banco di Desio e della Brianza SpA et vs YX, ZW

(Kawża C-831/19)

(2020/C 36/22)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Milano

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Banco di Desio e della Brianza SpA, Banca di Credito Cooperativo di Carugate e Inzago sc, Intesa Sanpaolo SpA, Banca Popolare di Sondrio s.c.p.a, Cerved Credit Management SpA

Konvenuti: YX, ZW

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 93/13/KEE ⁽¹⁾ moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprekludu, u taħt liema kundizzjonijiet, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik deskritta, li tipprekludi lill-qorti ta' eżekuzzjoni milli twettaq stħarriġ intrinsiku ta' titolu eżekuttiv gudzizzjarju li kiseb l-awtorità ta' *res judicata*, meta l-konsumatur, li jsir konxju mill-istatus tiegħu (għarfien li kien preċedentement prekluż mid-dritt kif applikat dak iż-żmien), jitlob it-twertiq ta' tali stħarriġ?
- 2) L-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 93/13/KEE moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprekludu, u taħt liema kundizzjonijiet, leġiżlazzjoni bħal dik nazzjonali li, meta jkun hemm deċiżjoni impliċita li kiseb l-awtorità ta' *res judicata* li klawżola kuntrattwali ma hijiex inġusta, tipprekludi lill-qorti ta' eżekuzzjoni, li tkun mitluba tiddeċiedi dwar oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni mressqa mill-konsumatur, milli tirrileva li tali klawżola hija inġusta, u tali preklużjoni tista' titqies li teżisti anki meta, fid-dawl tad-dritt kif applikat dak iż-żmien meta d-deċiżjoni kiseb l-awtorità ta' *res judicata*, l-evalwazzjoni ta' jekk il-klawżola hijiex inġusta kienet prekluzja peress li l-garanti ma kienx jista' jiġi kklassifikat bħala konsumatur?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Okresný súd Poprad (is-Slovakkja) fit-22 ta' Novembru 2019 – IM vs STING Reality s.r.o.

(Kawża C-853/19)

(2020/C 36/23)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

Qorti tar-rinviju

Okresný súd Poprad

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: IM

Konvenuta: STING Reality s.r.o.

Domandi preliminari

- 1) Id-Direttiva 2005/29/KE ⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) għandha tiġi interpretata fis-sens li ċ-ċirkustanza, b'hal dik inkwistjoni wkoll fil-każ ineżami, fejn impriża li tipprovdi kreditu tipproponi lil persuna fiżika, li tinsab f'diffikultajiet finanzjarji u taħt il-pressjoni tal-ħin, li l-intenzjoni tagħha hija li tikseb kreditu sabiex iżżomm id-dritt ta' proprjetà tagħha fuq immobbli li huwa l-unika akkomodazzjoni tagħha, kuntratt li jċaħħadha definittivament mid-dritt ta' proprjetà tagħha fuq l-immobbli, anki jekk ix-xewqa ta' din il-persuna kienet li titrasferixxi l-immobbli lill-kreditor sempliċement b'mod temporanju bħala garanzija tal-kuntratt ta' kreditu, tikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali?
- 2) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE ⁽²⁾ tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (iktar 'il quddiem id-“Direttiva 93/13”) għandha tiġi interpretata fis-sens li, fiċ-ċirkustanzi deskritti fid-domanda 1, il-kuntratt ta' bejgħ dwar it-trasferiment ta' immobbli huwa suġġett ukoll għal sħarriġ ġudizzjarju minkejja l-argument tal-professionist li jipprovdi li l-klawżoli kuntrattwali kienu s-suġġett ta' negozjar individwali meta l-professionist jirrifjuta li jipprovdi lill-qorti l-kuntratti użati f'kawżi oħra sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex kuntratti standard ifformulati minn qabel li huma użati mill-professionist f'kawżi oħra?
- 3) Jekk il-kawża taqa' taħt id-Direttiva 93/13, is-sitwazzjoni prevalenti qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, jiġifieri l-fatt li l-professionist konvenut aċċeda data personali tar-rikorrenti mingħajr il-kunsens ta' din tal-aħħar, għandha titqies li hija ċirkustanza rilevanti fis-sens tal-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva?

⁽¹⁾ ĠU 2005, L 149, p. 22 u rettifika fil-ĠU 2006, L 114, p. 86.

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Najvyšší súd Slovenskej republiky (is-Slovakkja) fis-26 ta' Novembru 2019 – Slovak Telekom a.s. vs Protimonopolný úrad Slovenskej republiky

(Kawża C-857/19)

(2020/C 36/24)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

Qorti tar-rinviju

Najvyšší súd Slovenskej republiky

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Slovak Telekom a.s.

Konvenut: Protimonopolný úrad Slovenskej republiky

Domandi preliminari

Domandi li jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ⁽¹⁾ tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat:

- 1) L-espressjoni “jirriveva l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri tal-kompetenzi tgħhom li japplikaw l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat” ⁽²⁾ tfisser li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jgħid li japplikaw l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat?